MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 137/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Sammut)
Vs

Muscat George

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer gewwa l-Istabbiliment Baystreet fi Triq Santu Wistin  San Giljan, nhar il-15 ta' Novembru, 2002 u fil-granet ta' qabel, bhala direttur tal-kumpaniji Bay Street Holdings Ltd u Bay Street Operations Ltd., bla hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandhu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, esegwa obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u cioe' billi

biddel is-serratui u/ jew katnazzi tal-istabbiliment Il-Grokk, ghad-dannu ta' Rita Anne Bigeni u Ray Bajada;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat Muscat hati u ikkundannatu ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-11 ta' Lulju, 2003 li bih talab lil din il-Qorti jghogobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u dan f'dak li jirrigwarda sia s-sejba ta' htija kif ukoll il-piena applikata fil-konfront ta' l-appellant, b'dana li tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib xi htija, minghajr pregudizzju ghas-suespost tirriforma l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti ghall-wahda aktar gusta u ekwa.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-lum li bih Dr. Ian Farrugia ghall-parte civile prezenti Bajada u Bigeni iddikjara li jekk l-appellat jirtira l-aggravju dwar il-mertu huma m'humiex interessati li tibqa ssehh il-piena karcerarja nflitta mill-ewwel Qorti.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni redatt minn Dr. Anthony Barbara li bih aderixxa ma dan il-verbal u rrimetta ruha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Rat in-nota tal-appellat Muscat li biha rtira l-aggravji kollha hlief l-ahhar aggravju (g) dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi in vista tal-fatt li l-appell fil-mertu gie cedut tibqa' biss ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti il-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti.

Illi jirrizulta illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza ta' "ragion fattasi" originaw minn kwistjoni ta' natura kummercjali dwar il-lokazzjoni ta' post gewwa Baystreet li fuqu kien ilu

ma jithallas il-kera ghal certu zmien u li l-appellant kien irriprenda l-pussess ta' l-istess billi ha l-ligi b'idejh.

Illi in vista tal-verbal tal-lum fejn kemm il-prosekuzzjoni u l-parte civile iddikjaraw li m'humiex interessati li tibqa' ssehh il-piena karcerarji, meta l-Qorti tqies li l-origini ta' din il-vertenza kienet purament wahda civili li mbaghad zviluppat fir-reat in kwistjoni thoss li hu l-kaz li l-piena ghandha tigi varjata ghal wahda pekunarja.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kawntu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u tirrevokha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflokk tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------